MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' April, 2015

Citazzjoni Numru. 631/2012

**Victor Sciriha (ID 753050M)**

**VS**

**A.S. Hibernians Limited (C26348)**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti tal-20 ta' Gunju 2012 li jaqra hekk:

1. *"Illi l-kumpannija intimata hija vera, certa u likwida debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf, seba' mija u tmienja u sebghin Euro (€53,778) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf u sebgha u tmenin Lira Maltin (Lm23,087) rapprezentanti s-somma kumplessiva mislufa mir-rikorrenti lill-kumpannija intimata ghar-restawr ta' Corradino Military Prison f'Kordin, Rahal Gdid, liema somma baqghet ma gietx imhallsa lura lir-rikorrenti;*

2. *Illi l-ammont kumplessiv ta' tlieta u hamsin elf, seba' mija u tmienja u sebghin Euro (€53,778) ekwivalenti ghal tlieta u ghoxrin elf u sebgha u tmenin Lira Maltin (Lm 23,087) kien gie misluf mir-rikorrenti lill-kumpannija intimata kif ser jigi hawn spjegat:*

a. *L-ammont ta' tlett elef, tliet mija u seba' Euro u wiehed u sebghin centezmu (€3,307.71) ekwivalenti ghal elf, erba' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm 1,420) kien gie misluf fis-17 ta' Awwissu 2005 sabiex jithallsu l-ispejjez relattivi ghall-applikazzjoni mal-MEPA ;*

b. *L-ammont ta' hamest elef, sitt mija u disgha u disghin Euro u tmienja u disghin centezmu (€5,699.98) ekwivalenti ghal elfejn, erba' mija u sebgha u erbghin Lira Maltin (Lm2,447) kien gie misluf fl-14 ta' Settembru, 2006 sabiex il-kumpannija intimata thallas lil dawk il-haddiema illi kienu gew minnha imqabbda sabiex inaddfu d-detention barracks;*

c. *L-ammont ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) kien misluf sabiex il-kumpannija intimata thallas l-ewwel pagament lill-kuntrattur Paul Briffa;*

d. *L-ammont ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) kien misluf sabiex il-kumpannija intimata thallas it-tieni pagament lill-kuntrattur Paul Briffa;*

e. *L-ammont ta' elf sitt mija u sebgha u sebghin Euro u hmistax-il centezmu (€1,677.15) ekwivalenti ghal seba' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm720) kien misluf fl-10 ta' April 2007 sabiex il-kumpannija intimata thallas lil John Xerri ghax-xogholijiet minnu maghmula fuq inkarigu tal-kumpannija intimata, u senjatament ghal xogholijiet relatata mal-hatt ta' hitan fil-kamra centrali, kostruzzjoni ta' flood-relief system fl-entrata, l-installazzjoni ta' fence u xogholijiet ohra fil-bitha;*

f. *L-ammont ta' disat elef, tliet mija u sbatax-il Euro u disgha u erbghin centezmu (€9,317.49) ekwivalenti ghal erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) kien misluf fit-18*

*ta' Mejju 2007 sabiex il-kumpannija intimata thallas it-tielet pagament lill-kuntrattur Paul Briffa;*

g. *L-ammont ta' hmistax-il elf mija u erbghin Euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€15,140.23) ekwivalenti ghal sitt elef u hames mitt Lira Maltin (Lm6,500) kien misluf fil-25 ta' Ottubru 2007 sabiex il-kumpannija intimata thallas ir-raba' u l-ahhar pagament lill-kuntrattur Paul Briffa;*

3. *Illi minkejja d-diversi interpellazzjonijiet da parti tar-rikorrenti, il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti;*

4. *Illi r-rikorrenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet u l-interessi tieghu, talab il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-intimat, liema mandat gie intavolat nhar id-9 ta' Dicembru,2011 (kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "**Dok. VS1**");*

5. *Illi minkejja illi l-kumpannija intimata wriet id-dispozizzjoni taghha illi tirrizolvi din il-vertenza amikevolment, u konsegwentement f diversi okkazjonijiet it-terminu tal-mandat ta' inibizzjoni surreferit gie estiz bi qbil bejn il-partijiet, il-kumpannija intimata baqghet inadempjenti ;*

6. *Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta' l-artikolu 167 tal- Ligijiet ta' Malta stante illi d-dejn huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tar-rikorrenti l-intimat m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba attrici;*

7. *Illi dawn il-fatti huma maghrufa lir-rikorrenti personalment.*

*Ghaldaqstant jghid ghalhekk l-istess intimat l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et seq. tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

1. *Tiddeciedi dan ir-rikors skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh;*

2. *Tiddikjara u Tiddeciedi illi l-kumpannija intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' tlieta u hamsin elf, seba' mija u tmienja u sebghin Euro (€53,778) rapprezentanti s-somma kumplessiva mislufa mir-rikorrenti lill-kumpannija intimata ghar-restawr ta' Corradino Military Prison f'Kordin, Rahal Gdid, liema somma baqghet ma gietx imhallsa lura lir-rikorrenti;*

3. *Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlieta u hamsin elf, seba' mija u tmienja u sebghin Euro (€53,778) rapprezentanti s-somma kumplessiva mislufa mir-rikorrenti lill-kumpanmja intimata ghar-restawr ta' Corradino Military Prison f'Kordin, Rahal Gdid, liema somma baqghet ma gietx imhallsa lura lir-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) mill-25 ta' Gunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpannija intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa ta' Victor Sciriha tal-20 ta' Gunju 2012 (a fol.4);

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mir-rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat li l-atti tar-rikors promotur, digiret u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati s-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat id-digrieti precedenti;

Rat id-decizjoni taghha tas-6 t'Ottubru 2014 (a fol. 121 et seq.);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' intimata A.S. Hiberians Limited tal-24 t'Ottubru 2014 (a fol 137 et seq.);

Rat il-verbal tas-16 ta' Dicembru 2014 fejn Dr. Thompson ghamel talba ulterjuri in vista tad-digriet li nghata fis-seduta stante ta' din il-Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' dawk is-sottomissjonijiet li jaghmlu referenza diretta jew indiretta ghall-imsemmija dokument li gew

sfilzati permezz ta' digriet surreferit senjament ghal dawn is-sottomissjonijiet kontenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-kumpanija intimata

Rat l-atti u d-dokumenti ezebiti fil-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tibda biex tippreciza li din il-kawza kienet intavolata bhala wahda bil-procedura tad-dispenza tas-smiegh.

Fl-ewwel udjenza tat-tlettax ta' Lulju 2012, deher l-Avukat difensur tas-socjeta' intimata li nformaw lil Qorti li l-partijiet qeghdin jinnegozjaw transazzjoni. F'din is-seduta l-Avukat difensur tas-socjeta' intimata ma ddikjarax li l-kawza kienet qed tigi kontestata u ma talabx awtorizzazzjoni sabiex jipprezenta risposta guramentata f'kaz li t-transazzjoni ma sehhx.

Jidher li ghal diversi xhur il-kawza kienet qed tigi differita ghal probabbli cessjoni, anka minhabba l-fatt li kien hemm ammont sostanzjali, cioe €31,000 tas-socjeta' intimata li kienu sekwestrati mir-rikorrenti – vide verbal kongunt a fol. 30 tal-process, **izda finalment din it-transazzjoni ma sehhitx**.

F'dan l-istadju tal-kawza, s-socjeta' konvenuta kienet kontumaci.

Illi mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi fil-14 t'Awwissu 2007, l-attur kien silef lis-socjeta' intimata s-somma ta' tlieta u ghoxrin elf u sebgha u tmenin lira Maltin (Lm23,087) ekwivalenti ghal sebgha u hamsin elf, sebgha mija u tmienja u sebghin Ewro (€57, 778)– Vide Dok. VS2 a fol. 11.

Illi skond it-tieni skrittura Dok. VS3 a fol. 12, l-*outstanding balance* jidher illi kien tlieta u hamsin elf sebgha mija u disghin Ewro (€53,790). Illi dan l-ammont gie kawtelat permezz ta' Mandat ta' Sekwestru Dok. VS1, mahrug fid-9 ta' Dicembru 2001 – Vide fol. 7.

Victor Sciriha fix-xhieda tieghu viva-voce quddiem din il-Qorti ikkonferma illi ghandu jiehu s-somma sebgha u hamsin elf, sebgha mija u tmienja u sebghin Ewro (€57, 778)mis-socjeta attrici. **Jghid ukoll li ghandu jiehu l-imghaxijiet fuq dan l-ammont minn 2005** – **vide fol. 35**. Sciriha xhed ukoll li kien hemm ammont sekwestrat ta' ftit aktar minn tletin elf Ewro.

Is-socjeta intimata kienet pprezentat rikors ghas-sospenzjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza, liema talba giet milqugha; u talba ghall-awtorizzazzjoni sabiex isir kontro-ezami tar-rikorrenti, ma liema rikors gew prezentati diversi dokumenti liema talba giet michuda u gew sfilzati d-dokumenti prezentati permezz tad-digriet taghha tas-16 ta' Dicembru 2014 – Vide fol. 145.

**Ikkonsidrat:**

Illi fl-isfond tal-provi migjuba a konjizzjoni ta' din il-Qorti u s-sottomissjonijiet legali tal-Avukati difensuri, l-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, li jaffermaw li, skond il-ligi l-kontumacja ma tfissirx u ma tistax tigi ekwiparata ma ammissjoni.

Infatti kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Blye Engineering Co. Ltd Vs Philip Borg Bellanti u Joe Fenech deciz fit-**22 ta' Gunju, 2005, Appell Civili per **Onor. Imhallef Philip Sciberras:**

> ***"... huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35;"***

Illi infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq v. Brian Mizzi et noe.**, Appell, **27 ta' Marzu, 1996** inghad:

> ***"Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta t-talba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvneut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta'Jannar 1991:***
>
> > ***"Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika.***
> >
> > ***Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;""***

Vide ukoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Aquilina noe v. Lino Debono**, Qorti tal-Appell, deciza fis-**7 ta' Ottubru, 1997**.

Illi issa fil-kaz in ezami jirrizulta b'mod ampju, illi l-iskrittura originali ta' self bejn il-kontendenti datata 14 t'Awwissu 2007 (Dok. VS2 a fol. 11), **ma titkellimx fuq**, **u ma taghmel ebda provvediment ghall-interessi**.

Huwa **biss** fl-iskrittura Dok. VS3, li tidher illi ghandha d-**data ta' 25 ta' Gunju 2010**, li jibdew jissemmew l-interessi bil-hamsa fil-mija (5%) - Vide l-ahhar paragrafu ta' Dok. VS3 a fol. 12.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti bl-ebda mod ma tista' takkolji l-pretensjoni maghmula mir-rikorrenti Victor Sciriha fix-xhieda tieghu a fol. 35, **meta ddikjara li qieghed jipretendi imghaxijiet bil-5% minn 2005 ghal self maghmul f'2007 minghajr imghax**.

Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, s-socjeta intimata ddikjarat li kienet ghamlet pagament ta’ hdax il-elf u sitt mitt Ewro (€11,600) fl-4 t’April 2009, liema ammont ma giex mnaqqas mill-kapital dovut, izda addebitat kontra interessi allegatament dovuti.

Illi fil-kors ta’ din il-kawza u anka waqt il-varji trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-pagament ta’ dan l-ammont ma giex michud li sar mill-attur, izda bisas li gie addebit ghall-interessi.

**Ikkonsidrat:**

Din il-Qorti tqis minn dak migjub a konjizzjoni taghha li l-pagament ta’ hdax il-elf u sitt mitt Ewro (€11,600)sar mis-socjeta’ intimata **fl-4 t’April 2009** lill-attur. Jirruzulta b’mod ampju li l-interessi bil-5% skond Dok. VS3 a fol. 12 **kellhom jibdew jidekorri mill-25 ta’ Gunju 2010.**

Illi ghaldaqstant il-pagament ta’ hdax il-elf u sitt mitt Ewro (€11,600) kellu jigu imnaqqas mill-**kapital** ta’ tlieta u hamsin elf, sebgha mija u tmienja u sebghin Ewro (€53,778) ghaliex il-pagament **sar qabel** il-ftehim dwar l-interessi datat 25 ta’ Gunju 2010.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-ewwel talba, tilqa’ t-tieni talba tar-rikorrent limitatament billi tiddikjara u tiddeciedi illi l-kumpannija intimata hija debitrici tar-rikorrenti fl-ammont ta' tnejn u erbghin elf u mija u tmienja u sebghin Ewro, (€42,178) rapprezentanti bilanc ta’ somma mislufa mir-rikorrenti lill-kumpannija intimata ghar-restawr ta' Corradino Military Prison f’Kordin, Rahal Gdid, liema somma baqghet ma gietx imhallsa lura lir-rikorrenti;

Tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tnejn u erbghin elf, u mija u tmienja u sebghin Ewro (€42,178) rapprezentanti bilanc ta’ somma mislufa mir-rikorrenti lill-kumpanmja intimata ghar-restawr ta' Corradino Military Prison f’Kordin, Rahal Gdid, liema somma baqghet ma gietx imhallsa lura lir-rikorrenti.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet bir-rata ta' hamsa fil-mija (5%) mill-25 ta' Gunju 2010 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpannija intimata.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------